Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att ta' Akkuza Nru. 7/2016

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Edward Cardona

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 7 tas-sena 2016, migjuba kontra l-imsemmi Edward Cardona, detentur tal-karta tal-identita Maltija, bin-numru: 461382M fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ipremetta:

Il-fatti :

Illi, għal ħabta ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) Edward Cardona, iddeċieda illi jassoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħrajn sabiex jibda' jbiegħ jew jittraffika id-droga Kokajina fil-gżejjer Maltin;

Illi, nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Pulizija ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga waqfet lil ċerta Lucie Azuka fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u wara li saret tfittxija fuq din l-imsemmija persuna instabu fuq l-persuna tagħha diversi kapsoli kontenenti sustanza suspettuza;

Illi, irriżulta li din Azuka kienet filfatt *courier* tad-droga, mqabbda biex tagħmel dan kollu minn persuna ta' nazzjonalita' Niġerjana minn Spanja bl-isem ta' "*Obi*". Azuka kellha struzzjonijiet sabiex timporta d-droga ġewwa l-Gzejjer tagħna u tbiegħhom hawnhekk lil-persuni li kienu jkunu miftehmin preċedentement għal dan l-għan ma' Obi;

Illi, Azuka uriet ix-xewqa li tassisti lill-Pulizija u filfatt fil-kors tal-istqarrija tagħha li rrilaxjat lill-Pulizija fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema stqarrija ġiet sussegwentement iġġuramentata fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), Lucie Azuka ammettiet illi hija kienet ġiet Malta f'okkazzjonijiet preċendenti għal-istess skop, u ċioe, li, fuq struzzjonijiet ta' l-istess persuna ta' nazzjonalita' Niġerjana, msemmi aktar il-fuq, bl-isem ta "*Obi*", tbiegħ kapsoli ta' droga ġewwa dawn il-Gzejjer lil diversi persuni li kienu jkunu miftehmin preċedentement għal dan il-għan ma' Obi;

Illi, Lucie Azuka tenniet illi, fuq dawn l-istess struzzjonijiet, hija kienet ġiet Malta xi xhur qabel, senjatament f'Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn, f'dik l-okkazzjoni, kienet importat ġewwa l-Gzejjer tagħna madwar sebgħin (70) kapsola kontenenti d-droga Kokajina kif ukoll madwar għoxrin (20) gramma oħra droga Kokajina bil-għan li dawn jinbiegħu lil akkuzat Edward Cardona hawn Malta li kien diġa laħaq ftehim dwar din l-operazzjoni kollha ma' Obi;

Illi, filfatt, f'Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012), in ezekuzzjoni tal-pjan maħsub u maqbul minn qabel bejn Obi u l-akkuzat Edward Cardona, Obi kien ta struzzjonijiet lil Azuka sabiex din issegwi il-pjan miftiehem u tmur tintaqa ma' l-akkuzat Edward Cardona hawn Malta sabiex tbiegħlu din l-imsemmija droga li hi kienet importat ġewwa gziritna għal dan il-għan;

Illi, in esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub u maqbul minn qabel, Azuka kienet għamlet propju hekk u kienet filfatt intaqgħet mal-akkuzat Edward Cardona fejn hi kienet ikkonsenjatlu d-droga rispettiva, hawn fuq imsemmija, u hu kien sussegwentement ħallasha ta' din l-istess droga;

Illi, d-droga Kokajina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

<u>Il-konsegwenzi</u> :

Illi, b'għemilu, l-akkużat Edward Cardona, sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer, mediċina (Kokajina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

<u>L-akkuża</u> :

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi Edward Cardona, ħati talli f'dawn il-gżejjer, għal ħabta ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012), assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer, mediċina

(Kokajina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

Il-piena mitluba :

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Edward Cardona, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru, u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il- elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14(1), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Il-fatti :

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u ż-żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' f'Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-akkużat Edward Cardona xtara madwar sebgħin (70) kapsola kontenenti d-droga Kokajina kif ukoll madwar għoxrin (20) gramma oħra droga Kokajina mingħand Lucie Azuka;

Illi, l-ammont ta' Kokajina mixtrija minn l-akkużat Edward Cardona kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni, jindikaw li dak il-pussess tad-droga Kokajina ma kienx għall-użu esklussiv ta' l-istess akkużat.

Illi, d-droga Kokajina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konsegwenzi :

Illi b'għemilu, l-akkużat Edward Cardona, sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu id-droga Kokajina li għaliha tapplika t-Taqsima IV ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza

msemmija, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

L-akkuża :

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi Edward Cardona, ħati talli f'Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) kellu fil-pussess tieħu id-droga Kokajina u li għalihom tapplika t-Taqsima IV ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga, u ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-piena mitluba :

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Edward Cardona, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat, pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Gunju, 2016, fejn l-akkuzat eccepixxa s-segwenti:

L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari

1. Illi l-process verbal numru 660/13, senjatament minn folio 67 sa folio 94 tal-process, huwa inammissibli u ghalhekk ghandhom jigu sfilzati. Dan ghaliex fihom hemm dettalji dwar l-identifikazzjoni tal-akkuzat wara li saret parata tal-identita' permezz ta' ritratti, liema identifikazzjoni – kif ser jigi debitament spjegat fid-dettal – saret b'mod skorrett ghall-ahhar.

   Jibda biex jinghad li mill-atti kollha tal-process odjern, u minkejja n-numru konsiderevoli ta' xhieda li ddeponew, l-uniku xhieda li hemm fil-konfront tal-akkuzat hija propju biss dik ta' Lucie Azuka. Din xehdet li darba kienet ghaddiet droga lil xi hadd jixbah lill-akkuzat. Waqt ix-xhieda taghha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Lucie Azuka giet murija sitt ritratti (a fol. 91), u dak li gharfet kien propju ritratt tal-akkuzat. Waqt ix-xhieda taghha fi stadju ta' Struttorja, pero' tajjeb li jinghad li l-istess Azuka, ma gharfitx lill-akkuzat (fol.120). L-iskorrettezza tirrizulta b' mod lampanti, meta l-istess Lucie Azuka in kontro ezami tistqarr li waqt li kienet l-isptar giet murija ritratt wiehed biss (qabel ma xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti) minn fuq telefown cellulari liema ritratt kien propju dak tal-akkuzat – fatt li kif ser jigi ppruvat jikser kull regola ta' kif ghandha tigi kondotta parata tal-identita. Fatt, li l-prosekuzzjoni konvenjentament ma smmietx fix-xhieda taghha minkejja li taf ben tajjeb li ghandha obbligu sagru li tressaq 'il quddiem kwalunkwe xhieda, kemm dik favor kif ukoll dik kontra l-akkuzat.

   Illi l-artikolu 74 subinciz (1) tal-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid hekk:

   > "Meta ufficjal investigatur ikun jixtieq jaghmel xi parata tal-identita' jew identifikazzjoni ta' oggetti, dawn ghandhom isiru minn Magistrat li ghandu jiehu dawk il-passi li jkunu jizguraw li ma jkun hemm ebda suggeriment jew influenza sterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuna jew l-oggett."

   Illi minn dan l-artikolu johrog car kemm il-Pulizja zgwidaw lill-Magistrat Inkwirenti, u dan propju ghaliex ma qalulux li kienu diga' ikkontaminaw il-hsieb tax-xhud Lucie Azuka meta urewha biss ritratt wiehed li kien propju dak tal-akkuzat. Ghalhekk il-hsieb taghha gie ikkundizzjonat peress li hemm contamination of evidence, jew kif jghid testwalment l-artikolu appena citat 'issuggerew u ghamlu influwenza interna fuq ix-xhud."

Bid-dovut rispett, huwa desiderabbli f'dawn ic-cirkostanzi li jigu murija tminn ritratti u mhux sitta kif sehh f'dan il-kaz. Illi f'dan is-sens, u partikolarment in vista ta' dak premess fis-suespost, minn dan il-bran li ser jigi kwotat johrog bic-car kemm tali xhieda fuq indikata ghandha tigi sfilzata biex tigi evitata miscarriage of justice liema bhala. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubbblika ta' Malta vs Ali Ben Mohammed Hechmi Bettaieb', deciza fit-2 ta' Gunju, 2005, qalet hekk:

> 'Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun <u>ipprecediet</u> l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, '*only one witness shall be shown photographs at any one time*' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u '*he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help*' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:
>
> '*The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who <u>so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'</u>* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);'

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri), fil-kawza il-Pulizija vs Leading Stewart Victor Dalmas, deciza mill-Imhallef W Hardin fit-13 ta' Mejju, 1961 (Vol XLV.IV. 963), qalet hekk dwar il-parata tal-identita':

"Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rakkomandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun mehtieg, jingabru xi persuni, piu' o meno tal-istess eta u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu posta fejn irid fosthom".

M'hemmx dubju li kif qal Lord Park CJ in R vs Parks (1961 I.W.L.R. 1484), "cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice" u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga' din il-Qorti fis-sentenza taghha in re il-Maesta Taghha ir-Regina vs Joseph Hallet, moghtija fit-22 ta' Marzu, 1971 fejn inghad illi:

"certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista, in generali, tkun esposta ghall-prova tal-identifikazzjoni ta' persuna. Din il-Qorti f'dan il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjon iminn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti, zidet tghid li 'l-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinate stess tas-socjeta', dan jista' jigi evitat – basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibil biex jigu evitati 'miscarriages of justice'.

Illi hawhekk johrog bic-car li l-prosekuzzjoni kisret kull regola li ghandha tigi skrupolozament segwieta meta tigi kondotta parata tal-identita'. Inoltre, kif tghallimna l-gurisprudenza nostrana, il-prosekuzzjoni lanqas ma osservat u mixet mad-dettami tal-buon sens, u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

1) Ir-ritratt tal-akkuzat li gie muri lill-Lucie Azuka gewwa l-isptar mhux talli qatt ma gie esebit imma talli lanqas biss saret referenza ghalih lill-Magistrat Inkwerenti. Dan ifisser li l-Magistrat Inkwirenti kien sprovvist minn dettal krucjali waqt li l-istess xhud bdiet tiddeponi quddiemhu u waqt li fl-istess hin saret identification parade permezz ta' ritratti;
2) Il-Prosekuzzjoni qatt m'ghamlet referenza ghall-dan ir-ritratt waqt il-kumpilazzjoni, li jfisser ukoll li ma giex ezebit. Ghalhekk illum il-gurnata id-difiza ma tistax tikkontrolla l-identification parade li saret. Propjament dak li gara gewwa l-isptar lanqas jista' jissejjah identification parade ghax Lucie Azuka giet murija biss ritratt wiehed. Dak li sehh gewwa l-isptar aktar jista' jissejjah abbuz ta' poter;
3) L-istess xhud Lucie Azuka giet influenzata bil-kbir meta gie muri lilha ritratt wiehed biss;
4) Illi skont l-insenjament gurisprudenzjali, huwa desiderabbli li xhud jigi muri tal-anqas tmien ritratti;

5) Illi x-xhud ma thallietx fil-liberta' li tidentifika l-akkuzat, u allura dan imur ukoll kontra dak li hu desiderabbli, stante li jirrizulta contamination of evidence li zgur li jista' facilment johloq miscarriage of justice kbira; u
6) Illi l-process verbal esebit ma jaghti l-ebda comfort u spjegazzjoni ta kif giet kondotta il-parata tal-identita'. Lanqas joffri hjiel baziku ta' kif il-Magistrat Inkwirenti jikkontrolla l-istess skont kif tassattivament jistipulaq l-artikolu 74 subinciz (1) tal-Att Dwar il-Pulizija, Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghall-fini ta' kjarezza ser jerga' jigi riprodott:

> "Meta ufficjal investigatur ikun jixtieq jaghmel xi parata tal-identita' jew identifikazzjoni ta' oggetti, dawn ghandhom isiru minn Magistrat li ghandu jiehu dawk il-passi li jkunu jizguraw li ma jkunx hemm ebda suggeriment jew influwenza sterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuna jew l-oggett".

7) Illi d-difiza lanqas biss tista' tivverifika jekk il-Magistrat Inkwirenti accertax ruhu li n-nies murija fir-ritratti humiex 'più o meno tal-istess eta u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom" – kif il-Qrati taghna dejjem sahqu li ghandu jsir.

It-Tieni Eccezzjoni Preliminari

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminary, il-process verbal bin-numru 660/13 esebit a folio 70 et seq tal-Atti tal-Istruttorja, huwa inammissbli bhala prova in kwantu dan gie pprezentat fl-Atti biss b'nota ta' l-Avukat Generali, minghajr il-konferma bil-gurament tar-Registratur tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni dwar l-eccezzjonijiet sollevati mid-difiza fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2016 u l-kaz gie differiet ghas-sentenza fuq l-imsemmija eccezzjonijiet.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar l-eccezzjonijiet li iridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel eccezzjoni minnu imqanqla l-akkuzat essenzjalment qieghed jattakka l-validita ta' *identification parade* li ighid li saret minn certu Lucie Azuke fejn din identifikat lill-akkuzat bhala l-persuna li lilu kienet ikkonsenjat d-droga mertu tal-kaz. Jishaq illi tali identifikazzjoni u l-procedura li giet segwieta biex issir dina l-identifikazzjoni kienet wahda irregolari. Din hija prova determinanti, fil-fehma tal-akkuzat, billi hija biss dina x-xhud li tindikah bhala il-persuna involuta f'din ix-xibka

kriminali ta' traffikar ta' droga, ghalkemm fl-istadju tal-Istruttorja meta tiddeponi hija ma tagharfux.

L-akkuzat jilmenta illi l-identifikazzjoni maghmula fil-kors tal-*identification parade* kienet wahda mittiefsa minn kull regolarita' billi Azuke kienet diga giet murija ritratt tal-akkuzat, qabel ma inbdiet dina l-identifikazzjoni quddiem il-Magistrat Inwkirenti u dan waqt li kienet rikoverata l-isptar. B'hekk il-prova li saret sussegwentement permezz tal-*identification parade* kienet wahda kontaminata u allura inamissibbli bhala prova billi f'dan il-kaz kien hemm "is-suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf ..." li isemmi l-artikolu 74(1) tal-Att dwar il-Pulizija (Kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta). Di piu' fil-kors tal-*identification parade* din Azuke giet murija sitt ritratti ta' persuni differenti u mhux tmienja.

Issa din il-Qorti trid taghmilha cara mill-bidunett tal-konsiderazzjonijiet taghha dwar din l-eccezzjoni, illi minn ezami ta'l-atti tal-Istruttorja u id-dokumenti hemmhekk ikkumpilati, ma jirrizultax illi saret xi *identification parade* fit-termini ta'l-artikolu 74 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jikkontendi l-akkuzat. Il-process verbal li hemm fl-atti jikkoncerna xhieda guramentata moghtija minn Lucie Azuke u dan fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost:

"*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ.*"

Issa fil-kors ta' din ix-xhieda Azuke tintalab taghti deskrizzjoni tal-persuna li lilha hija kellha tikkonsenja d-droga u giet murija sett ta' sitt ritratti fejn intallbet tghid jekk xi wiehed minn dawk ir-ritratti lilha murija kienx jindika l-persuna involuta, fejn hija identifikat ir-ritratt ta'l-akkuzat. Fl-ebda hin allura ma saret *identification parade* permezz tal-Magistrat kif hemm indikat mill-akkuzat fl-eccezzjoni minnu imqanqla. Dawn iz-zewg proceduri ma ghandhomx jitfixxklu ma' xulxin peress illi jinsabu imhaddna f'disposizzjonijiet tal-ligi differenti.

Illi sfortunatament, il-ligi taghna lanqas ma tirregola il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghal fatt illil din trid issir quddiem Magistrat u dan kif imfassal fl-artikolu 74 tal-kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma tispecifikax per ezempju n-numru ta' persuni li ghandhom jiehdu sehem f'din il-parata, jekk din ghandhiex necessarjament issir bil-presenza fizika tal-persuni li jiehdu sehem fil-parata jew

inkella permezz ta' sett ta' ritratti. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta'l-avukat tieghu ghandu jinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet[1]. Fost dawn ir-regolamenti l-artikolu 14 jispecifika illi:

*"Appropriate arrangements must be made to make sure, before witnesses attend the identification parade, they are not able to: (i) communicate with each other about the case or overhear a witness who has already seen the identification parade; (ii) see any member of the identification parade; (iii) see, or be reminded of, any photograph or description of the suspect or be given any other indication as to the suspect's identity; or (iv) see the suspect before or after the identification parade"*

Kif inghad izda il-ligi taghna dan kollu ma tirregolahx biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqies jekk dik il-parata tkunx wahda regolari, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittehdux il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li issir "*a miscarriage of justice*". Issa l-akkuzat fl-eccezzjoni minnu imqanqla qieghed jippretendi illi l-prova li saret ta'l-identifikazzjoni ta'l-akkuzat kellha issir bil-mod indikat hawn fuq. Dan huwa ghal kollox guridikament u legalment zbaljat billi kif gie senjalament mill-bidunett minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha *identification parade* fis-sens hawn fuq spjegat, qatt ma saret. Illi l-identifikazzjoni li saret minn Azuke fil-kors tax-xhieda guramentata taghha allura ghandha iktar issegwi l-linji gwida imfassal mill-gurisprudenza Ingliza fil-kaz Turnbull liema regoli gew spiss segwiti mill-qrati taghna, ghalkemm il-ligi taghna imkien ma tfassal ebda regola ghajr ghal dak li ighid l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali:

"*Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.*"

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-*

[1] PACE Code D Annex B – Identification parades.
www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/592562/pace-code-d-2017.pdf

*identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."*[2] (sottolinjar tal-Qorti)

Issa huwa minnu illi Lucie Azuke ma taghrafx lill-akkuzat meta imbaghad tiddeponi fil-kumpilazzjoni, izda tibqa' tafferma illi l-persuna li kienet indikat fir-ritratt fil-kors tax-xhieda guramentata taghha hija l-istess persuna lil lilha hija kellha tikkonsenja d-droga u sahansitra taghti deskrizzjoni kemmxejn partikolari ta' dik il-persuna fejn tqabblu mal-karattru ta' Fester fis-sensiela popolari televiziva "The Family Addams".

Illi maghdud dan allura huwa f'idejn il-gurati li jigu imsejjha jiggudikaw fuq il-fatti tal-kaz illi wara id-debita gwida li tinghata lilhom mill-Qorti jaraw jekk l-identifikazzjoni maghmula u li tista' tigi maghmula fil-kors tal-guri hijiex wahda attendibbli o meno u dan b'applikazzjoni tar-regoli tal-bwon sens u ukoll b'mod specjali gwidati bir-regoli Turnbull[3] fejn hemm hekk imghallem:

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the*

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008
[3] Turnbull (1977) QB 224

*close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

Issa fil-kaz tal-identifikazzjoni li saret minn fuq ir-ritratti murija lix-xhud fil-kors tax-xhieda guramentata taghha quddiem l-Inkwirenti din il-Qorti ma tistax tiskarta *a priori* dina l-prova bhala wahda inammissibbli, izda semmai ghandha tiggwida lil min hu imsejjah biex jiggudika fuq il-fatti dwar l-attendibbilita o meno ta' tali prova ta' identifikazzjoni, kif inghad. Hekk per ezempju irid jigi determinat jekk ix-xhd tkunx tat deskrizzjoni tal-persuna suspettata qabel ma saret l-identifikazzjoni u jekk dik id-deskrizzjoni tikkombaccjax mar-ritratt muri, in-numru u l-kwalita tar-ritratti murija, jekk meta saret tali identfikazzjoni dina setatx giet meghjuna jew influwenzata. Regoli dawn li huma iktar dettati mill-bwon sens milli minn xi disposizzjoni tal-ligi.

Fuq kollox:

*"M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in R. vs Parks ((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'[4]".*

Illi l-identifikazzjoni li saret mix-xhud Lucie Azuke fuq kollox saret fil-kors ta' proceduri regolati bil-ligi kif imfassla fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, procedura li ma gietx attakkata bl-ebda mod mid-difiza. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi l-akkuzat jissolleva eccezzjoni ohra li madanakollu matul il-kors tat-trattazzjoni huwa irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti minghajr ma ressaq sottomissjonijiet fir-rigward. Dan ghaliex x'aktarx intebah illi din l-eccezzjoni hija ghal kollox fiergha. Dan meta ighid illi l-process verbal esebiet in atti kumpilatorji li igib in-numru 660/13 huwa inammissibbli billi gie ipprezentat permezz ta' nota mill-Avukat Generali u mhux ikkonfermat bil-gurament mir-Registratur tal-Qorti. Issa mill-mument illi l-Magistrat Inkwirenti jaghlaq l-inkjesta l-atti tal-process verbal jintbaghtu lill-Avukat Generali u kwindi dan jitlaq minn taht l-Awtorita tar-

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

Registratur tal-Qorti. Huwa ghalhekk l-Avukat Generali illi irid jipprezenta tali dokument u ma hemmx ghalfejn jigi attestat mir-Registratur tal-Qorti. L-artikolu 569 fil-fatt jiddisponi illi:

"(1) L-atti kollha ta' kull proċedura taħt dan it-Titolu, meta ma tkunx saret kompilazzjoni, għandhom jinbagħtu mill-maġistrat lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol.

(2) L-Avukat Ġenerali għandu jibgħat lura dawk l-atti lill-maġistrat jew lill-maġistrat tal-kompilazzjoni meta jkun jinħtieġ li l-investigazzjoni tissokta.

(4) Għall-fini tas-subartikolu (2), dawk l-atti għandhom jintbagħtu lura permezz ta' nota li tiġi ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati u, minkejja kull ħaġa li tista' tinstab f'dan il-Kodiċi, l-Avukat Ġenerali ma għandux jitħarrek sabiex jesibixxi dawk l-atti." (sottolinjar tal-Qorti)

Illi huwa indubitat illi din il-procedura giet segwieta u allura il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tiddilunga ulterjorment fuq dina l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet imqanqla mill-akkuzat qed jigu michuda. Il-Qorti ghalhekk tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur